Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1723/2005

## FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.
## GUDIKATUR

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta'Ottubru 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru :** 1723/05ISB

Thomas Smith Insurance Agency Limted (C5637) bhala

agenta f'Malta, u in rapprezentanza tas-socjeta` estera *Societa` Italiana Assicurazioni e Riassicurazzioni* S.p.A. – S.I.A.T. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Frederick
Farrugia u ghal kull interess li jista` jkollu l-istess Frederick Farrugia, karta ta' l-Identita` numru 116850(M)

Vs

George Zerafa

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Settembru 2005 li permezz tieghu l-atturi talbu sabiex il-konvenut jigi kkundanat ihallas l-ammont ta' mija u sittax-il Lira Maltin u sittin centezmu (Lm116.60) lis-socjeta` attrici Thomas Smith Insurance Agency Limited u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25) lil Frederick Farrugia, kif ukoll interessi fuq is-somma totali mid-data tal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) sad-data ta' l-effettiv pagament, liema somma tirrapprezenta danni sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' l-incident tat-traffiku li sehh nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) fid-disgha u tmienja u tletin minuta ta' filghodu (9.38am) f'Hal Qormi, precizament fl-area ta' San Bastjan, fejn il-pompa tal-petrol li hemm fin-nofs, bejn il-vettura tieghek IAF 016 u l-vettura Ford KA bin-numru tar-registrazzjoni BBM 956 misjuqa minn Benjamin Farrugia u propjeta` ta' Frederick Farrugia.

Dan premess illi l-incident gara unikament tort u htija tal-konvenut minhabba nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu u minhabba l-fatt li naqas li jzomm a *proper look out*, specjalment il-fatt li pparkja l-vettura "double parking" peress li diga` kien hemm vetturi ohra pparkjati mal-genb tat-triq u di piu` fetah il-bieba tal-vettura tieghu IAF 016 minghajr ma vverifika jekk dak il-hin kienux ghaddejjin vetturi u b'dan il-

mod kienx sejjer jostakola l-*flow* tat-traffiku jew inkella jikkawza xi incident.

Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz lill-kumpanija assikuratrici tal-konvenut, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt.

Sema` x-xhiedha ta’ George Zerafa fl-4 ta’ Ottubru 2005 fejn iddikjara illi kien qieghed jikkontesta t-talba attrici.

Ra illi fiz-zmien moghti lill-konvenut, l-istess konvenut baqa` qatt ma rrisponda formalment izda dejjem attenda s-seduti u l-kontestazzjonijiet tieghu saru dejjem verbalment.

Ra l-verbal ta’ Dr Kenneth Grima ghall-konvenut tal-14 ta’ Dicembru 2005, fejn gie verbalizzat illi s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut kienet baghtet e-mail lis-socjeta` assikuratrici attrici fis-6 ta’ Settembru 2005 li kienet tindika illi ghal dak illi jirrigwarda l-habta li grat f’ Hal Qormi fit-31 ta’ Jannar 2005 bejn vettura BBM – 596 u IAF – 016, s-socjeta` assikuratrici England Insurance Agency Ltd kienet qed taccetta r-responsabbilita` u talbet ghall-kontijiet tal-hsarat.

Aktar illi b’e-mail ohra tal-20 ta’ Settembru 2005, England Insurance infurmat lis-socjeta` attrici illi kienet rceviet ittra ufficcjali u li la darba kienet accettat ir-responsabbilita` ta’ l-incident, allura ma kelliex tinzamm responsabbli ghal spejjes legali.

Ha konjizzjoni tan-Nota ta’ l-atturi tas-27 ta’ Frar 2006 u dik tal-konvenut tas-7 ta’ Marzu 2006.

Sema` t-trattazzjoni finali ta’ Dr Carmelo Galea ghall-atturi fis-seduta tal-24 ta’ April 2006.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra :

Illi l-Avviz odjern gie pprezentat fit-13 ta' Settembru 2005;

Illi jidher car anke minn-Nota ta' l-atturi tas-27 ta' Frar 2006 illi l-mertu gie maghluq u dan it-Tribunal irid jiddeciedi biss dwar minn ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjes ta' l-istanti kawza.

Jirrizulta :

Illi gimgha qabel il-presentata ta' l-Avviz odjern u l-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment ma' l-Avviz da parti ta' l-atturi, s-socjeta` assikuratrici attrici kienet mgharrfa illi l-konvenut kien qed jaccetta r-responsabbilita` ta' l-incident;

Illi sia l-Avukat ta' l-atturi u sia l-Prokuratur Legali agixxew skond l-istruzzjonijiet lilhom moghtija u zgur illi fid-dinja tal-lum bl-avvanzi teknologici kollha illi saru – gimgha kienet ferm aktar minn bizzejjed biex ir-rapprezentanti legali tas-socjeta` attrici jigu mgharrfa bit-tibdil fic-cirkostanzi tal-kaz u jieqfu minn kull procedura ulterjuri.

Illi n-nuqqas tas-socjeta` assikuratrici attrici illi kienet mgharrfa illi l-konvenut kien qed jaccetta r-responsabbilita` ta' l-incident de quo u aktar illi talab il-kontijiet relattivi ma ghandux isarraf fi spejjes zejda ghall-istess konvenut.

Ghaldaqstant, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` l-eccezzjoni tal-konvenut verbalizzata fis-seduta ta' l-14 ta' Dicembru 2004, bl-ispejjes ta' din il-kawza u ta' l-ittra ufficcjali ppresentata kontestwalment ma' l-Avviz li jibqghu a kariku ta' l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------